MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 652/2007

**Salvatore sive' Salvino (ID Nru. 24163M)**
**u Maria Victoria (ID Nru. 304669M)**
**konjugi Azzopardi**

**vs**

**Daniela Schembri (ID Nru. 632381M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**<u>Dikjarazzjoni tal-atturi</u>**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti ssottomettew illi:

1. Fis-27 ta' Gunju 2006, l-esponent kien qed isuq il-vettura Nru. CAA. 513, propjeta' tieghu, gewwa tal-Barrani Road, Zejtun, meta dan safa' nvolut f'incident awtomobilistiku mal-vettura Nru. JBD 628 misjuqa mill-konvenuta (DOK. SA1).

2. Ghall-incident u konsgwenzjali danni kienet tahti unikament il-konvenuta minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

3. Konsegwenza ta' dan l-incident, l-esponent garrab '*damnum.emergens'* li kienu jinkludu l-hsara tal-vettura tieghu, spejjez ta' tobba u specjalisti, u telf iehor li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Konsegwenza tal-griehi gravi li garrab konsegwenza tal-istess incident, l-esponent sofra wkoll 'lucrum cessans' minhabba dizabilta' permanenti riskontrata u accertata (DOK. SA2).

5. Minkejja li l-konvenuta kienet interpellata sabiex taghmel tajjeb ghad-danni tal-esponent, hija baqghat inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza fejn l-atturi qed jitolbu li din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrab l-attur.

2. Tillikwida d-danni kollha tal-atturi, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-13 ta' Lulju 2006, dawk tal-ittra ufficjali prezentata llum kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-

assikurazzjoni tal-konvenuta skond Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta tal-intimata** a fol. 22 tal-process fejn esponiet:

1. Illi huwa minnu illi fis-27 ta' Gunju 2006 waqt lil-esponenti kienet qed issuq il-vettura numru JBD 628 gewwa tal-Barrani, Zejtun hija kienet involuta f'incident tat-traffiku mal-vettura numru CAA 513 misjuqa minn Salvatore Azzopardi.

2. Illi l-esponenti tramite l-assikurazzjoni taghha gia ammettiet responsabbilta' ghal dan l-incident u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti f'dan ir-rigward hija wahda ntempestiva, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

3. Illi referibbilment ghat-tielet u raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti, u partikolarment ghar-rigward id-danni rizultanti mill-griehi gravi li sofra r-rikorrenti Salvatore Azzopardi fl-incident, l-esponenti tirrileva illi skond ilr-rapport mediku rilaxxat mit-Tabib Fredrick Zammit Maempel (Dok SA2), Salvatore Azzopardi jidher li fieq sew u dan kif sejjer jigi ampjament pruvat waqt il-kawza u ghalhekk ir-rikorrenti m'ghandu l-ebda grad ta' dizabilita' kif qed jissuggerixxi t-Tabib Fredrick Zammit Maempel.

4. Illi in vista tas-suespost jekk hemm xi danni li ghandhom jigu likwidati favur ir-rikorrenti dawn jikkonsistu biss f'dawk rizultanti minn *damnum emergens* u ghalhekk it-talbiet l-ohra tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti ghandhom kollha jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Rat l-affidavit tar-rikorrent;
Rat id-degriet a fol 25 li bih gie nominat Mr.Carmel Sciberras bhala espert mediku;
Rat ir-rapport tieghu a fol 83;
Rat il-verbal a fol 89;

Rat il-verbal a fol 95 fejn id-difensuri qablu li l-kawza ghandha tithalla ghas-sentenza;

**Konsiderazzjonijiet**

**Responsablita'**

Illi mill-atti (ara eccezzjonijiet) jirrizulta li :

Il-konvenuta qed tammetti r-responsabilita' ghall-incident. Ma giex pruvat, pero' li l-konvenuta jew l-assikurazzjoni taghha kienu accettaw ir-responsablita' qabel giet prezentata dina l-kawza.

**Danni**

Il-konvenuta mhux qed tikkontesta d-*damnum emergens* u fil-fatt ma kkontestatx id-dokumenti prezentati minn fol 27 sa 80 tal-process. (ara verbal a fol 89).

Il-konvenuta pero' qed tikkontendi li jidher li l-attur fieq sew u m'ghandu l-ebda grad ta' dizabilita.

**Rapport Mediku**

Minhabba f'hekk il-Qorti kienet innominat lill Mr.Carmel Sciberras u dana rrelata li l-attur jidher li fieq mhux hazin mill-griehi li garrab f'dan l-incident. Il-ksur tal-polz, billi mess il-gog, jista' jkun li 'l quddiem jizviluppa l-artrite qabel iz-zmien. Il-ksur tal-galetta ma kienx *displaced* izda jista' jkun ukoll li 'l quddiem jizviluppa l-artrite f'irkobba qabel iz-zmien. Ghalhekk l-espert ikkonkluda li r-rikorrent kellhu 6% dizabilita'.

Il-konvenuta ma kkontestatx ir-rizultanzi ta' Mr.Carmel Sciberras u d-dizablita' moghtija minnu.

**Damnum Emergens**

Bhala damnum emergens, ir-rikorrent qed jitlob spejjes ghall-kura **Lm 57.50**; spejjes ta' tobba **Lm 170.50** ; telf ta' dhul mill-impieg **Lm 741.90** u spejjes ohra **LM48.15**.

**Total Lm 1018.05 (Euro 2371.42).** (Dwar partime l-Qorti ma nghatatx informazzjoni kemm kien jahdem partime u kemm tilef partime, r-rikorrent).

**Lucrum Cessans.**

Biex jissostanzja t-talba tieghu ghall-lucrum cessans ir-rikorrent ipprezenta d-dokumenti SA 44 sa SA 49.

Jirrizulta li meta gara l-incident ir-rikorrent kellu 43 sena. Il-Qorti se tiehu in konsiderazzjoni li l-eta' pensjonabbili qed tizdied, kif ukoll li wiehed jista' jibqa' jahdem oltre l-eta' pensjonabbili. Se tikkunsidra wkoll ic-chances u changes li jistghu jinqalghu fil-hajja, ghalhekk qed tiehu bhala bazi taghha multiplier ta' 20 sena.

Kwantu ghall-paga l-Qorti se tikkalkula z-zidiet li jinghataw matul is-snin u ghalhekk se taghmel il-kalkoli taghha fuq paga ta' Lm 10,000 fis-sena. Il-Qorti qed tikkalkula b'liri Maltin billi l-figuri kollha nghataw b'dan il-mod. Ghalhekk is-somma se tinhadem hekk:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Lm 10,000 x 20 | = Lm | 200,000 | =€465,874.68 |
| 6% dizabilita' | = Lm | 12,000 | =€ 27,952.48 |
| Lump Sum 20% | = Lm | 9,600 | =€ 22,361.98 |

**Konkluzzjoni**

| | | |
|---|---|---|
| **Damnum Emergens :** | **Lm 10,18.05** | **€ 2,371.42** |
| **Lucrum Cessans** | **Lm 9,600.00** | **€22,361.98** |
| **Total** | **Lm 10,618.05** | **€24,733.40** |

**Decizjoni.**

Ghal dawn il-motivi

Il-Qorti tiddeciedi billi;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu r-rikorrenti;

Tillikwida d-danni kollha tar-rikorrenti fl-ammont ta' **€24,733.40;**
Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat;
Bl-ispejjez kontra l-konvenuta u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------